DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1214

tat-22 ta' Lulju 2015

li toħloq il-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/1017 jagħti r-responsabbiltà lill-Kummissjoni li toħloq, bl-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment.

(2) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment għandhom jiġu stabbiliti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Inħoloq il-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (European Investment Project Portal, EIPP).

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu, kif stabbilit fl-Anness, ġew adottati.

Artikolu 2

L-inklużjoni tal-proġetti fl-EIPP tikkonforma ma' dawn il-kriterji ta' ammissjoni:

(a) il-proġett (jew il-programm li jikkonsisti minn proġetti iżgħar) ikollu daqs minimu ta' EUR 10 miljun f'termini ta' investimenti meħtieġa;

(b) il-proġett jaqa' taħt wieħed mis-setturi elenkati fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2015/1017;

(c) il-promotur ikun entità ġuridika stabbilita fi Stat Membru;

(d) il-proġett ikun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u l-liġi tal-Istat Membru rilevanti;

(e) l-implimentazzjoni ta' proġett tkun mistennija li tibda fi żmien tliet snin mis-sottomissjoni lill-EIPP.

Artikolu 3

Tiġi imposta tariffa tal-ipproċessar tal-applikazzjoni ta' proġett sa massimu ta' EUR 250 għal kull proġett lill-promoturi ta' proġett privat.

Il-promoturi ta' proġett fis-settur pubbliku jkunu eżentati minn din it-tariffa.

Id-dħul mit-tariffi jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2015/1017.

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAL-PORTAL EWROPEW TA' PROĠETTI TA' INVESTIMENT (EIPP)

1. DESKRIZZJONI ĠENERALI

L-EIPP, maħluq skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2015/1017, huwa portal web disponibbli pubblikament ta' proġetti ta' investiment fl-Unjoni li jaġixxi bħala pjattaforma sabiex jippromwovi l-proġetti għal investituri potenzjali mad-dinja kollha. L-għan prinċipali tal-EIPP (European Investment Project Portal) huwa li jkun katalist u jgħaġġel l-iżvilupp u r-riżultati tal-proġetti ta' investiment fl-Unjoni, u permezz ta' dan, jikkontribwixxi għal aktar impjiegi u tkabbir ekonomiku. Il-pubblikazzjoni ta' proġett fuq l-EIPP ma tikkostitwixxix l-approvazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-BEI u mhijiex kundizzjoni sabiex jirċievi appoġġ finanzjarju mill-Unjoni jew mill-(BEI). L-EIPP huwa mistenni jkun operattiv f'Jannar 2016.

Il-komponenti prinċipali tal-EIPP se jkunu:

(i) bażi ta' dejta ta' skedi ta' proġetti (skeda ta' proġett hija sommarju strutturat informattiv dwar proġetti individwali tal-EIPP);

(ii) mappa interattiva tal-proġett; u

(iii) direttorju interattiv tal-proġett f'forma tabulari.

Il-proġetti fl-EIPP se jiġu ggruppati f'setturi li joriġinaw mill-objettivi u l-kategoriji tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2015/1017.

2. MANIĠMENT TAL-EIPP U RELAZZJONIJIET MAL-PROMOTURI TAL-PROĠETT U MAL-UTENTI TAS-SIT WEB

L-EIPP se jkun immaniġġat mill-Kummissjoni Ewropea. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għall-maniġment tiegħu. Il-kontenut tal-EIPP se jiġi ġġenerat mill-promoturi tal-proġett, jiġifieri minn entitajiet ġuridiċi privati u pubbliċi.

Il-parteċipazzjoni tal-promoturi tal-proġett u tal-utenti tas-sit web li jkunu rreġistrati mal-EIPP se jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni tagħhom tal-Patti u l-Kundizzjonijiet tal-EIPP li se jkollhom l-għan li jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni ppubblikata riċevuta mill-promoturi tal-proġett filwaqt li jagħmluha ċara li l-Kummissjoni Ewropea ma tagħtix garanzija dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni ppubblikata u ma tista' tinżamm responsabbli għall-ebda pretensjoni bbażata fuq il-pubblikazzjoni tal-proġett.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà twissi lill-utenti tas-sit web li l-Kummissjoni Ewropea ma tistax tiggarantixxi l-akkuratezza tal-informazzjoni ppubblikata u li l-investituri potenzjali jkollhom iwettqu d-diliġenza dovuta proprja tagħhom, inkluż rigward aspetti finanzjarji u kull aspett ieħor rilevanti għad-deċiżjoni tagħhom dwar jekk għandhomx jinvestu fi proġett.

3. SKRINJAR TAL-PROĠETT

Skrinjar tal-proġett jitwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-kriterji ta' ammissjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri se jiġu mistiedna jaħtru punt ta' kuntatt wieħed jew aktar u jiffirmaw ftehimiet dwar il-livell ta' servizz li jiddefinixxu l-kontribut tagħhom għall-iskopijiet tal-iskrinjar. Ir-rwol tal-BEI fil-promozzjoni tal-EIPP se jiġi stabbilit fil-ftehim dwar il-livell ta' servizz. Xi aspetti tekniċi tal-proċess ta' validazzjoni, bħall-verifika tal-identità tal-identità tal-promoturi tal-proġett, jistgħu jiġu esternalizzati lil partijiet terzi.

Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni mibgħuta mill-promoturi tiġi miċħuda jekk l-informazzjoni ma tkunx preċiża jew jekk il-pubblikazzjoni tagħha tista' tinvolvi riskji legali jew reputazzjonali għall-Kummissjoni Ewropea jew għall-Istati Membri, jew għat-tnejn li huma. L-informazzjoni dwar il-proġetti titneħħa mill-EIPP jekk ma tiġix aġġornata għal tliet snin.